# Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta taʼ nhar l-Erbgha sebgha u ghoxrin (27) taʼ Jannar 2016**

**Rikors Numru 1/04 FDP**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Rev Kanonku Benjamin Tonna u, permezz ta' digriet datat 24 ta' April 2006 Dr Michelle Tabone bhala l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, l-Amministratur tal-Beni Ekklesjastici kollha ta' Malta assumiet l-atti tieghu, Professur Dottor Joseph Max Ganado bhala prokuratur tal-assenti William George Said, Roger Michael Said u Valerie Jane Shillato, Guze Diacono PL u b'digriet tad 9 ta' Frar 2004 assumew l-atti tieghu, wara li miet, Martin Diacono, f'ismu proprju u f'isem l-assenti Saveria Lather u Maria Concetta sive Rhoda Wiles, Anthony Marcel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore sive Silvio Distefano, Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano u Josephine Persiano,, Dr David Tonna, Anne Marie Tonna, Renald Tonna u, b'digriet tad 9 ta' Frar 2004 assumew l-atti tieghu Brian Tonna u Doreen Muscat wara il-mewt ta' l-istess Renald Tonna, Emmanuele Tonna, Vincent Tonna, Pauline Tonna, Guze Tonna bhala prokuratur tal-assenti Alfred Tonna u tal-assenti Edgar Tonna, u b'digriet tad 9 ta' Frar 2004 Dr David Tonna gie appuntat prokuratur ta' l-istess Alfred u Edgard Tonna wara il-mewt ta' Guze Tonna, Edward Tonna, Rosalie Tonna bhala usufruttwarja ta' sehem il-mejjet Tancredi Tonna ghal kull interess li jista jkollha u Dr Richard Sladden u PL Hilda Ellul Mercer bhala kuratur deputati mahura permezz ta' digriet datat 4 ta' Dicembru 2002, sabiex jirrappresentaw il-wirt battal ta' Maria Dolores Gilmour ilkoll f'isimhom u ghan-nom tad-Ditta Tonna and Diacono u, permezz ta' nota ppresentata fis 7 ta' Novembru 2012 Dr David Tonna, bhala mandatarju ta' Godrey Joseph Gilmour, assuma l-attu ta' Maria Dolores Gilmour wara il-mewt taghha, u Peter Azzopardi bhala direttur a nom u n-rappresentanza ta' Canadian Brothers Limited**

Il-Bord:-

Ra ir-rikors ippresentat mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fit-12 ta' Jannar tas-sena 2004 fejn ippremetta illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim kif ukoll Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datati 19 ta' Gunju 1992 fejn gew infurmata illi l-awtorita' kompetenti hija

lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fl-Imsida tal-kejl ta' 772 metri kwadri li tmiss mill-grigal ma' propjeta ta' Eucharist Zammit, Majjistral ma' propjeta ta' Canadian Brothers u Lbic ma' propjeta tas-Sur Joseph Diacono LP, huwa ta' disat elef, erbgha mija u erbgha u tletin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm9,434.90).

L-intimati Guze Diacono, Dr David Tonna, Anne Marie Tonna, Reland Tonna, Emanuele Tona, Vincent Tonna, Pauline Tonna, Guze Tonna bhala prokuratur tal-assenti Alfred Tonna u l-assenti Edgar Tonna, Edward Tonna u Rosalie Tonna bhala usufruttwarja tas-sehem tal-mejjet Tancredi Tonna , permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Settembru 1992 gharrfu illi ma kienux qed jaccettaw il-kumpens u kienu qed jitolbu li l-kumpens kellu jkun ta' hamest elef, sitt mija u dsatax-il Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu u millezmu (Lm5,619.51,1)

L-intimat Peter Azzopardi, permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 1992 gharraf illi ma kienx qed jaccetta l-kumpens u kien qed jitolb li l-kumpens kellu jkun ta' mitejn u erbghin elf Liri Maltin (Lm240,000)

L-intimati l-ohra baqghu ma rrispondewx.

Kien ghalhekk illi r-rikorrent talab lill-Bord jordna lill-intimati biex jittraferixxu b'titolu ta' xiri assoluta bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattiv u jinnomina nutar biex jippubblika l-kuntratt f'data u hin stabbilit mill-Bord kif ukoll jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci, u dana skond id-disposizzjonjiet tal-Kap 88 (gia Kap 136).

Ra in-Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 19 ta' Gunju 1992 (fol 5), id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 8 ta' Ottubru 1974 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit 11 ta' Ottubru 1974 (fol 7), l-Avviz ghall-Ftehim datat 19 ta' Gunju 1992 (fol 11), l-istima tal-perit O Caruana Montalto datata 12 ta' Marzu 1990 (fol 13), ir-risposta ossija Ittra Responsiva ta' l-intimati intimati Guze Diacono, Dr David Tonna, Anne Marie Tonna, Reland Tonna, Emanuele Tona, Vincent Tonna, Pauline Tonna, Guze Tonna bhala prokuratur tal-assenti Alfred Tonna u l-assenti Edgar Tonna, Edward Tonna u Rosalie Tonna bhala usufruttwarja tas-sehem tal-mejjet Tancredi Tonna ghall-Ittra Ufficjali tar-rikorrenti w ippresentata fil-15 ta' Settembru 1992 (fol 18), L-Ittra Ufficjali ta' Peter Azzopardi ippresentata fil 25 ta' Settembru 1992 (fol 20).

Ra ir-risposta ta' Dr Richard Sladden u PL Hilda Ellul Merceer bhala kuraturi deputati sabeix jirrappresentaw il-wirt battal ta' Maria Dolores Gilmour f'isimhoa proprju u ghan-nom tad-ditta Tonna and Diacono ippresentata fit 2 ta' Frar 2004 (fol 44)

Ra ir-risposta ta' Ray Bonnici, bhala Agent Ekonomu ta' Monsinjur Acrisqof Amminstratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjusi Djocesani kollha ta' Malta ippresentat fis 27 ta' Jannar 2004. (fol 48A)

Ra ir-risposta ta' intimati Dr David Tonna F'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Alfred Tonna u l-assenti Edgar Tonna , Anne Marie Tonna,, Emanuele Tonna, Vincent Tonna, Pauline Tonna, Edward Tonna u Rosalie Tonna bhala usufruttwarja tas-sehem tal-mejjet Tancredi Tonna ghall kull interess illi jista jkollha, lkoll f'isimhom proprju u ghan-nom tad-Ditta Tonna and Diacono ippresentata fil 5 ta' Frar 2004 (fol 35!!)

Ra ir-rikors ta' Dr David Tonna fejn hu kien qieghed jasumi l-atti bhala prokuratur f'isem u fl-interess ta' l-assenti Alfred Tonna u Edgar Tonna wara il-mewt ta' Guze Tonna, ippresentat fil 5 ta' Frar 2004 u degretat fid 9 ta' Frar 2004.

Ra ir-rikors ta' Brian Tonna u Doreen Muscat fejn talbu illi jigu trasfuzi fil-gudizzju ta' l-atti ta' Renald Tonna illi miet, liema talba giet milqugha fit 9 ta' Frar 2004

Ra ir-rikors ta' Martin Diacono, f'ismu proprju u f'isem l-assenti Saveria Lather u Maria Concetta sive Rhoda Wiles, Anthony Marcel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore sive Silvio Distefano, Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano u Josephine Persiano, ippresnetat fil 5 ta' Frar 2004 fejn talbu jassumu l-atti flok Guze Diacono, illi kien miet, liema talba intlaghet fid 9 ta' Frar 2002.

Ra ir-risposta ta' Brian Tonna u Doreen Muscat nee Tonna ippresentata fit-18 ta' Marzu 2004 (fol 2!!!!)

Ra ir-rikors ta' Martin Diacono, f'ismu proprju u f'isem l-assenti Saveria Lather u Maria Concetta sive Rhoda Wiles, Anthony Marcel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore sive Silvio Distefano, Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano u Josephine Persiano, lkoll bhala eredi ta' Guze Diacono, ippresentata fit-18 ta' Marzu 2014 (fol 4!!!!)

Ra ir-rikors ta' Dr Michelle Tabone bhala l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, l-Amministratur tal-Beni Ekklesjastici kollha ta' Malta fejn assumiet l-atti tar-rev Ken Benjamin Tonna, ippresentat fit 23 ta' Awissu 2005 u milqugh fl-24 ta' April 2006.

Ra illi fid-9 ta' Novembru 2006 is-socjeta Canadian Brothers iddikjaraw illi kellhom sehem shih ta' l-art bhala censwalist.

Ra illi f'xi mument mhux indikat izda certament qabel l-24 ta' Jannar 2005, il-Periti Godfrey Vella u Micheangelo Reflo gew imqabbda bhala Periti Teknici. (fol 63)

Ra illi fit 23 ta' Ottubru 2007 il-Periti Teknici ippresentaw nota fejn talbu illi sehem il-konvenuti jigi dikjarat qabel ma jghaddu ghar-relazzjoni (fol 64).

Ra l-affidavit ta' **Peter Azzopardi** ippresentat fid 29 ta' Jannar 2009 (fol 105) fejn jghid, fost affarjiet ohra, illi skond kuntratt datat 16 ta' Ottubru 1967, (fol 95!!) jirrizulta illi Canadian Brothers huma c-censalisti filwaqt illi l-kumplament tal-intimati jircievu c-cens minghandhom.

Ra affidavit iehor ta' **Peter Azzopardi** a fol 111 tal-process.

Ra in-nota tal-periti Teknici ppresentata presumibbilment fit 23 ta' April 2009 fejn talbu lill Peter Azzopardi jindika fejn hija l-art tieghu. (fol 137)

Ra l-istima tal-perit Valerio Schembri ippresentata minn Peter Azzopardi flimkien ma' pjanti ippresentati fit 23 ta' April 2009 (fol 143)

Ra ix-xhieda ta' **Ivor Robinich**, rappresentant tal-MEPA, moghtija fit 23 ta' April 2009 flimkien ma' pjanta li turi l-approve scheme ghas-sena 1970 ghall-Msida/Gzira (fol 157)

Ra ix-xhieda inutili tal-**Perit Fred Valentino** moghtija fl-4 ta' Gunju 2009.

Ra illi fl-4 ta' Gunju 2009 l-intimati iddikjaraw illi salv provi dokumentarji, ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Ra id-dokumentazzjoni ossija pjanti datati 20 ta' Settembru 1969 esebiti minn Peter Azzopardi fis 26 ta' Awissu 2009 (fol 166)

Ra illi fid 19 ta' Novembru 2009 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Ra id-dokument ossija kuntratt ta' akkwist ta' l-art meritu tal-kawza odjerna ta' l-intimati kollha salv Canadian Brothers Limited u esebita minnhom kollha fit 8 ta' Ottubru 1999. (Fol 173)

Ra illi fl-10 ta' Gunju 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra illi fl-1 ta' Dicembru 2011 il-Perit Elena Borg Costanzi giet nominata flok il-Perit Micheangelo Refalo illi kien miet nelfrattemp.

Ra ir-relazzjoni tal-Periti Teknici ippresentata fis 17 ta' Ottubru 2012 (fol 197)

Ra illi fis-7 ta' Novembru 2012 Dr David Tonna, bhala mandatarju ta' Godfrey Joseph Gilmour assenti minn Malta, assuma l-atti tal-mejta Maria Dolores Gilmour.

Ra in-nota b'dokumenti ippresentata minn Canadian Brothers Limited fis 16 ta' Novembru 2012 u domandi in eskussjoni. (fol 204)

Ra ir-risposta tal-Periti Teknici ghad-domandi in eskussjoni ippresentati fil 11 ta' Dicembru 2012. (fol 221A)

Ra illi fis-6 ta' Marzu 2013 il-Bord ikkonceda 30 gurnata lill-partijiet sabiex jaghmlu domandi in eskussjoni.

Ra illi fil-15 ta' April 2013 ir-rikorrenti ippresentaw domandi in eskussjoni, liema domandi gew meqjusa bhala tardivi mill-Bord fit 18 ta' April 2013 u ghalhekk ma gewx awtorizzati.

Ra illi fit-23 ta' Ottubru 2013 il-Bord ri-integra d-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti u talab lill-Periti Teknici jirrispondu ghall-istess.

Ra illi l-Periti Teknici rrispondew ghal tali domandi fid 9 ta' Dicemnbru 2013 (fol 249).

Ra illi fis-6 ta' Mejju 2014, il-Periti Teknici regghu irrispondew ghad-domandi in eskussjoni tal-intimat Peter Azzopardi, li kienu gia rrispondew precedentement, izda issa rrispondew f'aktar dettall fejn, fost affarjiet ohra, indikaw il-valur ta' l-art fid 19 ta' Gunju 1992. (fol 256)

Ra illi fis-7 ta' Mejju 2014 il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijet finali.

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippresentat fil 5 ta' Awissu 2014.

Ra in-nota ta' sottomissjonijet ta' Canadian Brothers Limited ippresentata fit 22 ta' Settembru 2014.

Ra illi, permezz ta' nota ippresentata fid-19 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent gab a konjizzjoni ta' dana il-Bord decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem deciza fis 6 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet 'Azzopardi vs Malta' illi tirrigwarda l-proceduri odjerni.

Ra illi fil-21 ta' Ottubru 2015, dana il-Bord, kif kompost, ha konjizzjoni tal-kaz, u , wara illi l-partijiet talbu lill-Bord tiehu konjizzjoni tad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fuq imsemmija, il-Bord ghadda biex diferixxa l-kawza ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, mill-provi, illi fil-11 ta' Ottubru 1974, permezz ta'Avviz Nru 6911 illi dehret dakinhar fil-Gazzetta tal-Gvern, giet pubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 8 ta' Ottubru 1974 li biha l-art meritu tal-kawza odjerna, tal-kejl totali ta' 772 metri kwadri giet espropriata mill-Gvern. (fol 7)

Jirrizulta illi kien biss fid-19 ta' Gunju 1993 illi r-rikorrent baghat l-Avviz ghall-Ftehim u n-Notifika tad-Dikjrazzjoni tal-President lill-intimati, u offra somma ta' tmint elef, sebgha mija u hamsin Liri Maltin (Lm9,434.90), illi ma gietx accettata mill-intimati.

Jirrizulta illi l-intimat Peter Azzopardi ghas-socjeta Canadian Brothers Limited kien qed jippretendi kumpens ta' Lm240,000 filwaqt illi l-intimati l-ohra kienu qed jippretendu kumpens ta' Lm5,619.51,1 kif jidher fir-risposti taghhom ghall-Avviz tar-rikorrenti, datati 25 ta' Settembru 1992 (fol 20) u 15 ta' Settembru 1992 (fol 18) rispettivament.

Jirrizulta illi l-intimat Peter Azzopardi nieda proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fid 9 ta' Mejju 2012, Nru 28177/12, liema proceduri gew finalizzati fis 6 ta' Novembru 2014 fejn il-Qorti ikkundannat lill-Malta thallas is-somma ta' €445,000 bhala kumpens ghall-esproprju u €6,000 bhala spejjez

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi, wara diversi snin fejn kienu qed jingabru provi dwar it-titolu u s-sehem tal-partijiet, il-Periti Teknici Godfrey Vella Baldacchino u Elena Borg Costanzi ghamlu rapport ippresentat fis 17 ta' Ottubru 2012 (fol 197) u ppresentaw risposti in eskussjoni ghad-domandi tar-rikorrenti fid 9 ta'' Dicembru 2013 (fol 249) u ghad-domandi ta' l-intimati fis 6 ta' Mejju 2014 (fol 256)

Fir-rapport taghhom ippresentat fit-3 ta' Marzu 2011, jghidu s-segwenti:

> *"Il-partijiet (*jigifieri l-esperti*) qieghdin jaqblu illi ai termni tal-Kap 88 tal-Ligjiet ta' Malta, dina l-art hija klassifikata bhala fabrikabbli.*
>
> *Huma kkunsidraw dana kollu u, bhala rizultat, huma tal-opinjoni illi l-propjeta meqjusa bhala art fabrikabbli ghal finijiet tal-Ligi, u illi il-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri assolut tal-art kif deskritt u fl-intjiet taghha huwa ta' kumplessivament ta' €279,600 u dan kif gej:*
>
> *A) Lil Reverendu Kanonku Benjamin Tonna noe, €33 ghas-subdirett dominju temporanju sal-15 ta' Awissu 1990 u €848 ghad-dritt ghal dirett dominju perpewu wara l-iskadenza tal-fuq imsemmi dirett dominju temporanju, u d-dirett dominju perpetwu sussegwenti, b'rata ta' cens ekwivalenti ghal Lm14.71,2 fis-sena.*
> *B) Lill prokuratur tal-assenti William George Said, Roger Michael Said u Valeri Jane Shillito €38.80 ghas-sub dirett dominju temporanju b'rata ta' sub cens ekwivalenti ta' Lm1.61,5 fis-sena sal 15 ta' Awissu 1990.*
> *C) Lill-persuni rappresentati mill-Avukat David Tonna, €6,057.39 ghas-sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 bid-dritt, wra l-iskadenza, ghal sub*

*dirett dominju perpetwu u tali sub dirett dominju perpetwu sussegwenti b'rata ta' censekwivalenti ta' Lm78.78,8 fis-sena*

D) *Lill Peter Azzopardi bhala direttur u in rappresentanza ta' Canadian Brotehrs Limited, €272,623.20 ghas-subutile dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990, bid-dritt wara l-iskadenza, ghal subutile dominju perpetwu, u tali subutile dominju perpetwu sussegwenti.*

Jirrizulta illi, fuq talba tar-rikorrenti sabiex jindikaw id-data ta' l-istima tal-periti teknici, huma indikaw illi tali stima giet valutata fid-data tat 2 ta' Mejju 1990. (fol 249)

Jirrizulta illi, sussegwentement, fuq talba ta' l-intimati ghal stima komplessiva fid-data tan-Notifika tad-Dikjarzzjoni, ossija 19 ta' Gunju 1992, huma indikat illi l-kumpens komplessiv kellu jkun ta' €318,829.744. (fol 256)

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti, jirrizultaw is-segwenti fatti:

- L-art meritu tal-kawza odjerna hija art fabrikabbli, u ghalhekk ghandha titqies bhala tali.

- L-art kienet originalment stmata mill-Periti teknici fi-valur komplessiv ta' €279,600, liema somma eventwalment inqasmet kif gej

  - Lir-Reverendu Kanonku Benjamin Tonna noe
    - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 33
    - Ghad dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 848
  - Lill Professur Joseph M Ganado noe
    - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 38.80
  - Lill Dr David Tonna noe
    - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
    - Ghas sub dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 6057.39
  - Lill Peter Azzopardi noe
    - Ghas subutile dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
    - Ghas subutile dominju perpetwu wara tali skadenza - €272,623.20

- Jirrizulta illi sussegwentement, il-Periti Teknici vvalutaw l-art meritu tal-kawza odjerna fid-data tan-Notifika u Avviz ghall-Ftehim jigifieri 19 ta' Guju 1992, u wasslu ghall konkluzjoni illi l-valur kellu jkun ta' €318,829.744, minghajr ma indikaw fid-dettall il-varji porzjonijet.

- Jirrizulta illi, b'komputazzjoni tal-porzjonjiet moghtija originalment ghal valur ta' €279,600, il-Bord wasal ghall konkluzjoni illi l-percentaggi tal-porzjonijiet huma kif gej:

  - Lir-Reverendu Kanonku Benjamin Tonna noe
    - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - 0.012%
    - Ghad dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - 0.303%
  - Lill Professur Joseph M Ganado noe
    - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - 0.014%
  - Lill Dr David Tonna noe
    - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u

        - Ghas sub dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - 2.166%
    - Lill Peter Azzopardi
        - Ghas subutile dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
        - Ghas subutile dominju perpetwu wara tali skadenza - 97.505%

- Jirrizulta illi, mahduma il-percentaggi kif fuq indikati fuq il-valur stabbilit mill-Periti Teknici bhala il-valur finali u kalkolat ghat 19 ta' Gunju 1992, li kien ta' €318,829.744, il-valuri pagabbli lill-partijiet ghandhom ikunu riveduti kif gej:

    - Lir-Reverendu Kanonku Benjamin Tonna noe
        - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 38.26
        - Ghad dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 966.05
    - Lill Professur Joseph M Ganado noe
        - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 44.64
    - Lill Dr David Tonna noe
        - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
        - Ghas sub dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 6905.85
    - Lill Peter Azzopardi
        - Ghas subutile dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
        - Ghas subutile dominju perpetwu wara tali skadenza - €310,874.94

Il-Bord ma jara ebda raguni il ghala ma ghandhux jaghmel bhala tieghu il-konkluzjonijet milhuqa mill-abbli Periti Teknici tieghu, u ghalhekk qieghed jadottahom, bil-korrezzjonijiet fil-valuri kif fuq stipulati

**Ikkunsidra**

Il-Bord, ghalhekk, jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

- L-art ghandha titqies bhala art fabrikabbli.

- Id-data tat-tehid tal-pussess ta' l-art ghandu jitqies illi huwa l-<u>25 ta' Ottubru 1974</u>, ossija gimghatejn wara illi giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ottubru 1974 id-Dikjarazzjoni Presidenzjali illi biha giet espropriata l-art meritu tal-kawza odjerna.

- Il-kumpens xieraq ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art meritu tal-kawza odjerna valutata fid 19 ta' Gunju 1992 ghandu jkun kif gej:

    - Lir-Reverendu Kanonku Benjamin Tonna noe
        - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 38.26
        - Ghad dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 966.05
    - Lill Professur Joseph M Ganado noe
        - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 44.64
    - Lill Dr David Tonna noe
        - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
        - Ghas sub dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 6,905.85
    - Lill Peter Azzopardi
        - Ghas subutile dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
        - Ghas subutile dominju perpetwu wara tali skadenza - €310,874.94

- L-imghax ghandu jiddekorri mill-<u>25 ta' Ottubru 1974</u>.

Il-Bord, filwaqt illi ha konjizzjoni tad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fis 6 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet '***Azzopardi vs Malta***', josserva illi, xorta wahda, ghandu jimplimenta d-dettam tal-Ligi kif stabbilit fil-Kap 88, stante illi huwa l-unika organu rikonoxxjut mil-Ligi illi jista jimplimenta tali Ligi.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiemu,

Jghaddi biex jaqta' u jiddeciedi dina l-vertenza billi

**Jilqa** t-talbiet tar-rikorrenti u dan billi

**Jordna** lill-intimati kif deskritti fl-avviz jittrasferixxi bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut is-sehem taghhom ta' l-art fl-Imsida tal-kejl ta' 772 metri kwadri li tmiss mill-grigal ma' propjeta ta' Eucharist Zammit, Majjistral ma' propjeta ta' Canadian Brothers u Lbic ma' propjeta tas-Sur Joseph Diacono LP.

**Jordna** lill-Kummissarju tal-Artjiet sabiex ihallas kumpens lill-intimati kif deskritti fl-avviz kif gej:

- Lir-Reverendu Kanonku Benjamin Tonna noe
  - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 38.26
  - Ghad dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 966.05
- Lill Professur Joseph M Ganado noe
  - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 - € 44.64
- Lill Dr David Tonna noe
  - Ghas sub dirett dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
  - Ghas sub dirett dominju perpetwu wara tali skadenza - € 6905.85
- Lill Peter Azzopardi noe
  - Ghas subutile dominju temporanju sal 15 ta' Awissu 1990 u
  - Ghas subutile dominju perpetwu wara tali skadenza - €310,874.94

Oltre l-imghax lilhom spettanti a tenur ta' l-Artikolu 12 (3) tal-Kap 88 fejn ghandu jigi puntwalizzat illi l-Kummissarju ha pussess ta' l-art in kwistjoni fit-25 ta' Ottubru 1974.

**Jahtar** lin-Nutar tad-Dipartiment bhala Nutar tar-rikorrenti biex jippubblika l-att fit 27 ta' Mejju 2016 fl-ufficju tar-rikorrenti u

**Jahtar** lill Dr Tanya Sammut Catania biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumacja.

Ir-rikorrenti ghandu jgharraf lill Dr Tanya Sammut Catania tal-hatra taghhom bil-miktub.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont dovut mill-Kummissarju tal-Artijiet u dak hemm stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub bill-intimati Mallia u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur